

Brussell, 19 ta' Jannar 2021
(OR. en)

13779/20

PECHE 420

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Liberja għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar- Repubblika tal-Liberja
għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija
dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-ewwel Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja¹ skada fit-8 ta' Diċembru 2020.
- (2) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja² ('il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli'),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 328, 12.12.2015, p. 11.

² ĠU L 328, 12.12.2015, p. 3.

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Liberja għal protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.
2. In-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill stipulati fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President